MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-19 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 2613/1999/1

**Diana CASTILLO u żewġha Olaf Cassar għal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**TIMECARE LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 ta' Novembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu dikjarazzjoni li huma għandhom id-drittijiet tal-awtur fuq reġistrazzjoni bil-*video* tat-tieġ tagħhom; li l-użu min-naħa tal-kumpannija mħarrka ta' siltiet mill-imsemmi *video recording* mingħajr il-permess tagħhom huwa ksur tad-drittijiet tagħhom; u talbu wkoll li l-kumpannija mħarrka tħallashom penali u troddilhom lura s-somma ta' erbgħin lira Maltija (Lm 40) mħallsa lilha bħala depiżitu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fl-1 ta' Frar, 2000, li biha laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li din il-Qorti ma setgħetx tisma' l-kawża minħabba l-valur tat-talba. Fil-mertu qalet li l-atturi ma kellhomx id-dritt tal-awtur fuq il-*video*, u lanqas akkwistaw dak id-dritt għaliex ladarba l-atturi baqgħu ma ħallsux il-prezz miftiehem, il-proprjeta' intellettwali u artistika tal-istess *video* għadha tal-kumpannija mħarrka. Hija tisħaq ukoll li kellha l-kunsens tal-atturi biex turi l-*video* waqt il-fiera;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-31 ta' Ottubru, 2000, li fih l-avukat tal-kumpannija mħarrka irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar il-kompetenza tal-Qorti *ratione valoris*;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet waqt is-smigħ u kif ukoll bil-mezz tal-affidavit;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-12 ta' Mejju, 2005[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fid-19 ta' Lulju, 2005[2];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' dritt tal-awtur. L-atturi jgħidu li huma għandhom il-jedd tal-awtur fuq il-*video recording* tat-tieġ tagħhom u li dan il-jedd inkiser meta l-kumpannija mħarrka, mingħajr il-kunsens u l-għarfien tagħhom, xandret siltiet minnu waqt fiera tat-tiġijiet. Huma qegħdin jitolbu wkoll li jingħataw il-*video* u r-rifużjoni tad-depożitu li tħallas mal-ftehim, minbarra l-kundanna tal-kumpannija mħarrka għall-ħlas tal-penali;

[1] Paġġ. 109-112 tal-proċess
[2] Paġġ. 116-121 tal-proċess

Illi, min-naħa tagħha, l-kumpannija mħarrka tisħaq li l-atturi m'għandhomx il-jedd tal-awtur li jippretendu, mhux lanqas minħabba l-fatt li, ladarba naqsu li jħallsu l-prezz miftiehem, il-proprjeta' tal-prodott għadha m'għaddietx għandhom. Hija tgħid li kulma jridu l-atturi huwa biss li jieħdu l-*video* bla ma jħallsu għalih;

Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża joħroġ li l-atturi kienu qabbdu lill-kumpannija mħarrka biex tiġbed il-*video* tat-tieġ tagħhom. Huma ma għażlux li l-kumpannija mħarrka toħdilhom ir-ritratti wkoll, għaliex kienu qabbdu lil ħaddieħor għal dan. F'Ġunju tal-1998[3], l-attriċi ftehmet mal-kumpannija mħarrka dwar il-kundizzjonijiet u l-prezz u ħallset depożitu ta' Lm 40 dak inhar tal-ftehim. It-tieġ sar fil-31 ta' Ottubru, 1998. Waqt li l-atturi kienu fil-qamar il-għasel, il-kumpannija mħarrka wriet siltiet mill-*video recording* tat-tieġ tagħhom f'fiera pubblika fin-Naxxar. F'Mejju tal-1999, il-kumpannija mħarrka bagħtet tgħarraf lill-atturi li setgħu jmorru jiġbru l-*video*[4]. L-attur wieġeb b'ittra ftit jiem wara biex jipprotesta għall-fatt li l-*video* intwera fil-fiera minn wara daharhom u bla ma taw il-kunsens tagħhom u li ma kinux lesti li jħallsu l-bilanċ mitlub[5];

Illi l-kumpannija mħarrka wieġbet l-ittra tal-ilment billi qalet li kienet kisbet il-kunsens ta' omm l-attriċi biex turi silta ta' ftit minuti mill-*video* kollu bħala kampjun waqt il-fiera, u li ta' dan kienu lesti jagħtu skont fuq il-prezz miftiehem[6] . Baqgħet għaddejja korrispondenza bejn il-partijiet u ddaħħlet ukoll għaqda tal-konsumaturi, iżda ma ntlaħaq l-ebda qbil[7]. Il-kawża nfetħet f'Novembru tal-1999;

Illi l-Qorti trid tinkwadra l-fatti li joħorġu fil-qafas tal-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ. Dan għaliex l-atturi jibnu l-azzjoni tagħhom kollha fuq il-premessa li huma kellhom il-jeddijiet tal-awtur fuq ir-reġistrazzjoni tal-*video* kif maħsub fil-liġi. Għalhekk, huma

[3] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[4] Dok "DC1", f'paġ. 28 tal-proċess
[5] Dok "DC2", f'paġ. 29 tal-proċess
[6] Dok "DC3", f'paġ. 30 tal-proċess
[7] Dokti "DC4" sa "DC7", f'paġġ. 31-5 tal-proċess

jqisu li l-użu mhux awtorizżat tal-imsemmi *video* waqt manifestazzjoni pubblika min-naħa tal-kumpannija mħarrka jagħtihom id-dritt li jitolbu d-danni;

Illi għalkemm saru xi allegazzjonijiet mill-atturi dwar id-dewmien fit-tlestija tal-*video*, il-Qorti m'hijiex sejra tieħu qies ta' din il-kwestjoni għaliex ma taqax fil-parametri tal-azzjoni attriċi. L-ilment tal-atturi m'huwiex l-inadempiment tal-obbligazzjoni kuntrattwali min-naħa tal-kumpannija mħarrka (tant hu hekk, l-atturi baqgħu sallum ma ħadux il-*video* tat-tieġ tagħhom mingħand il-kumpannija mħarrka, u lanqas biss għamlu talba f'dan is-sens), iżda l-kwestjoni tal-ksur tad-drittijiet tagħhom tal-awtur;

Illi l-azzjoni tal-atturi tinbena fuq dak li (kien) jipprovdi l-artikolu 13 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur[8]. Irid jingħad li, għalkemm il-liġi nbidlet xi snin ilu, dik li ddaħħlet minflokha għadha sostanzjalment tkopri l-istess jeddijiet, u, f'kull każ, l-azzjoni tal-lum għandha titqies minn kif kienet il-liġi fiż-żmien li nfetħet il-kawża, għaliex l-azzjoni ssejset fuq il-liġi li kienet fis-seħħ dik il-ħabta[9]. Kull riferenza għal-liġi f'din is-sentenza hija riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-Kap 196, sakemm ma jingħadx mod ieħor;

Illi tajjeb li jingħad ukoll li l-liġi li tħares id-dritt tal-awtur ma tipproteġix l-idejat[10], imma l-manifestazzjoni tagħhom b'xi wieħed mill-metodi magħrufa fl-artikolu 3, dwar xi riproduzzjoni f'sura materjali, komunikazzjoni lill-pubbliku u x-xandir jew xandir mill-ġdid posterjuri tax-xogħol kollu jew parti sostanzjali minnu, sew fil-forma tiegħu oriġinali sew f'xi forma rikonoxxibbilment derivata mill-oriġinal[11]. L-oriġinalita' li għaliha jirreferi d-dritt tal-awtur hija oriġinalita' fil-mod kif il-ħsieb artistiku jintwera u jissawwar[12]. Kif ingħad b'awtorita' f'dan ir-rigward, "*The word 'original' does not in this connection mean that the work must be the expression of original or inventive thought. Copyright*

[8] Att VI tal-1967 (Kap 196 tal-Liġijiet ta' Malta), imħassar bl-Att XIII tal-2000 (Kap 415)
[9] Art. 60(3) tal-Kap 415 u App. Ċiv. **31.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***General Soft Drinks Co. Ltd. vs Portanier Bros. Ltd.***
[10] Cornish & Llewelyn _Intellectual Property_ (5th Edit, 2003), par 10-04, f'paġ. 388
[11] Art. 7(1) tal-Kap 196
[12] _Copinger & Skone-James on Copyright_ (13th Edit.), par 3-27

*Acts are not concerned with the originality of ideas, but with the expression of thought... The originality which is required relates to the expression of the thought. But the Act does not require that the expression must be in an original or novel form, but that the work must not be copied from another work – that it should originate from the author*"[13];

Illi minbarra l-aspett ta' oriġinalita' fil-preżentazzjoni, huwa meħtieġ li jintwera wkoll element ta' ħila, ġudizzju u xogħol fil-produzzjoni tal-attivita' li jistħoqqilha tiġi mħarsa bid-dritt tal-awtur;

Illi wara li saru dawn il-konsiderazzjonijiet u f'dan l-istadju, il-Qorti tqis li huwa ta' siwi ewlieni li, fil-każ li għandha quddiemha, tistabilixxi min huwa l-awtur li jgawdi l-jeddijiet li dwarhom saret din il-kawża. Dan l-istħarriġ irid isir qabel kull ħaġa oħra. Qiegħed jingħad hekk għaliex, kemm fit-tmexxija tal-każ u kif ukoll fit-trattazzjoni, l-atturi jippreżumu li huma l-awturi tal-*video* għaliex ordnawh huma (sewwasew ordnatu l-attriċi), għaliex jirrigwarda t-tieġ tagħhom u għaliex huma l-protagonisti tal-istess. Min-naħa l-oħra, il-kumpannija mħarrka tibni d-difiża ewlenija tagħha fuq il-fatt li l-jeddijiet tal-awtur m'humiex tal-atturi għaliex dawn għadhom ma ħallsuhiex tas-servizz li tathom meta ġibdet il-*video* u wkoll minħabba li l-oriġinal tal-istess *video* għadu f'idejha;

Illi tajjeb li jingħad li wieħed għandu jagħraf id-differenza bejn il-jedd tal-proprjeta' fix-xogħol artistiku li jkun u l-jedd tal-awtur dwar l-istess xogħol[14]. Wieħed jista' jkun sid ta' xogħol artistiku għaliex ikun xtrah jew ikun fil-pussess tiegħu, iżda mhux bilfors li jkollu wkoll id-drittijiet tal-awtur dwar dak ix-xogħol, liema drittijiet jibqgħu vestiti fl-awtur li ħoloq dak ix-xogħol. Għalhekk, l-argument tal-kumpannija mħarrka jrid jitqies fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni wkoll;

Illi l-każ li għandna quddiemna jirrigwarda xogħol fotografiku jew viżiv. Ma rriżultax fl-ebda waqt matul is-

---

[13] Peterson J. fil-kawża ***University of London Press Ltd. vs University Tutorial Press Ltd.*** (1916) 2 Ch. 601, a fol. 608

[14] Cornish & Llewelyn *op. cit.*, par 11-02, f'paġ. 419; Bainbridge Intellectual Property (5th Edit), pg. 85

smigħ tal-kawża jekk kemm-il darba l-*video* tat-tieġ tal-atturi kienx jinkludi wkoll reġistrazzjoni sonora tal-avveniment innifsu (seta' kien il-każ, iżda l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ ma tagħmel l-ebda differenza għall-eżitu tal-kawża). Ġeneralment, fejn sensiela ta' ritratti ma tkunx inkluża f'pellikola ċinematografika, titqies bħala "xogħol artistiku"[15], minkejja li, fi kliem il-liġi nnifisha, il-kwalita' artistika ta' xogħol bħal dan ma hija bl-ebda mod rilevanti biex tingħatalu dik it-tifsira. Wieħed irid iqis ukoll li l-kliem "pellikola ċinematografika" li kienet issemmi l-liġi ma jidhirx li kienet maħsuba għall-każ ta' ġbid ta' *film* għal użu privat jew mhux għall-wiri pubbliku f'tejatru taċ-ċinema[16]. Il-liġi kienet[17] tagħraf bħala l-awtur ta' xogħol bħal dan lill-persuna li tkun ikkommissjonat ix-xogħol[18], sakemm ma jintweriex ftehim mod ieħor bejn il-partijiet, li jeskludi trasferiment bħal dan jew jistabilixxi xi limitazzjoni għalih;

Illi fil-fehma tal-Qorti, id-dritt tal-awtur jgħaddi fil-persuna li tkun ikkummissjonat ix-xogħol bi ħlas hekk kif ix-xogħol ikun tlesta, u dan minkejja li l-artist li jkun eżegwixxa x-xogħol ma jkunx għadu tħallas għax-xogħol li jkun għamel. Ta' min jgħid li meta l-liġi kienet titkellem dwar l-ikkummissjonar ta' xogħol, ma kinitx tgħid – bħalma kienet tgħid il-liġi ta' qabilha li hija issostitwiet[19], jiġifieri l-Att tal-1911 dwar id-Drittijiet tal-Awtur – li l-kummissjoni kellha tabilfors tkun bi ħlas jew għal konsiderazzjoni. Fil-każ tal-lum, l-attriċi ikkummissjonat lill-kumpannija mħarrka u dan għamlitu bi ftehim ta' ħlas ta' somma li ma kinitx limitata għall-ispejjeż tar-reġistrazzjoni, imma, wieħed jifhem, bi qligħ raġonevoli għall-istess kumpannija;

Illi, f'dan ir-rigward jidher li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u jista' jingħad li l-attriċi hija l-persuna li tgawdi mid-drittijiet tal-awtur dwar il-*video recording* tat-tieġ tagħha mal-attur l-ieħor;

---

[15] Art. 2(1), Kap. 196

[16] L-Att VI tal-1967 (il-Kap 196) jidher li kien mibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-Copyright Act, 1956 tar-Renju Unit

[17] Bis-saħħa tal-art. 11(1) tal-Kap 415 ma jidhirx li l-qagħda llum għadha l-istess

[18] Proviso tal-art. 11(1)(a), Kap 196

[19] Ara, f'dan ir-rigward, P.A. **8.3.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Gera vs Pellegrini et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.450**)

Illi madankollu, l-liġi tipprovdi eċċezzjonijiet speċifiċi fejn it-trasmissjoni jew pubblikazzjoni ta' xogħol bħal dak ma jitqiesx li jkun sar bi ksur tad-dritt tal-awtur[20];

Illi l-azzjoni mressqa mill-atturi hija dik li tallega li seħħ ksur min-naħa tal-kumpannija mħarrka għaliex għamlet jew ħalliet lil min jagħmel għemil kontrollat minn dritt tal-awtur mingħajr liċenza tal-proprjetarju. L-għoti tal-liċenza huwa t-timbru li jikkonferma l-kontroll mogħti mil-liġi lis-sid tal-jedd tal-awtur. F'każ bħal dan, is-sid tad-dritt tal-awtur għandu l-għażla li jressaq azzjoni jew għad-danni jew għall-ħlas ta' penali għal ksur bħal dan[21]. Fil-każ tal-lum, l-atturi għamlu t-tieni għażla. Il-liġi trid ukoll li, fejn jinsab ksur bħal dan, il-parti mħarrka trodd lura wkoll il-qligħ li tkun kisbet mill-ksur tad-dritt tal-awtur: iżda dan ir-radd lura ma jsirx jekk kemm-il darba l-parti mħarrka jseħħilha turi li ma kinitx taf jew raġonevolment tkun taf li kienu jeżistu drittijiet tal-awtur dwar ix-xogħol li dwaru ssir l-azzjoni;

Illi, fil-qafas ta' dawn il-prinċipji, ma jidhirx li hemm kwestjoni bejn il-partijiet li silta mill-*video* tassew intweriet mill-kumpannija mħarrka waqt il-fiera speċjalizzata;

Illi, madankollu, l-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi tfalli għal aktar minn raġuni waħda. L-ewwel raġuni hija li ma ntweriex li l-kumpannija mħarrka ikkupjat ix-xogħol li l-atturi kellhom il-jeddijiet tal-awtur dwaru. Il-fatt li l-kumpannija mħarrka wriet siltiet jew waqtiet qosra mill-quddiesa tat-tieġ tal-atturi ma jfissirx, awtomatikament, li dan kien ikkupjar tax-xogħol oriġinali. Fl-ewwel lok, ix-xogħol ma kienx għadu tlesta, u kemm hu hekk, l-atturi nfushom ressqu provi li juru li, sa bosta xhur wara li ġew lura Malta, kienu għadhom qegħdin jinsistu li l-kumpannija mħarrka tlesti x-xogħol. Min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka stqarret li ma kinitx lestiet l-editjar tal-*footage* tal-*video* u li kienet għadha qegħda tistenna lill-atturi jibagħtulha xi tagħrif meħtieġ. Dan ifisser, għalhekk, li meta l-kumpannija mħarrka wriet is-siltiet mill-*video* waqt il-fiera xi xahar wara t-tieġ, ix-xogħol kien għadu f'fażi ta'

[20] Proviso tal-art. 7(1) tal-Kap 196
[21] Art. 13(3) tal-Kap 196

formazzjoni li jagħmilha impossibbli li jingħad li kien qiegħed jiġi ikkupjat ix-xogħol oriġinali. Minbarra dan, fit-tieni lok, il-fatt waħdu li l-kumpannija mħarrka setgħet uriet partijiet mix-xogħol oriġinali innifsu wkoll ikun ifisser li lanqas jista' jingħad li hemm ksur tad-drittijiet tal-awtur, għaliex dak il-ksur ma jseħħx meta jintwera x-xogħol oriġinali[22]. F'każ bħal dan, l-atturi jista' jkollhom rimedju ta' xorta oħra, imma mhux dak ta' dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt tal-awtur;

Illi t-tieni raġuni li għaliha l-azzjoni attriċi kif intentata taqa' wkoll hi li l-wiri lill-pubbliku tas-silta mill-*video* ma ntweriex li kien dwar ix-xogħol kollu jew parti sostanzjali minnu. L-atturi ma setgħux ikunu jafu dwar dak li ntwera, għaliex kienu msefrin. Il-kumpannija mħarrka tgħid li s-silta li ntweriet kienet tirrigwarda biss parti mill-quddiesa (u tisħaq li dak li ntwera kien f'parti mit-tieġ li kulħadd seta' jarah għaliex kien jirrigwarda xeni li saru f'post pubbliku). Min-naħa l-oħra, ix-xhud[23] li ressqu l-atturi jew ikkonfemraw il-verżjoni tal-kumpannija mħarrka, jew huma vagi ħafna dwar x'kien intwera, għajr li jgħidu li għarfu lill-atturi fix-xbihat li kienu qegħdin jintwerew[24] u li s-silta li ntweriet kienet qegħda tiġi murija aktar minn darba;

Illi huwa stabilit li waħda mid-difiżi kontra x-xilja ta' ksur tad-dritt tal-awtur hija dik li tħalli li jsir użu bil-qies minn xogħol protett (il-kunċett tal-"*fair dealing*"). Minħabba li l-liġi tgħid li l-ikkupjar irid ikun ta' xogħol oriġinali kollu jew imqar f'parti sostanzjali minnu, "*the requirement of 'substantial taking' prevents the owner of a copyright work from objecting to minor borrowings from it*"[25]. Fost iċ-ċirkostanzi maħsuba li jaqgħu taħt din l-eċċezzjoni, wieħed isib saħansitra l-ikkupjar ta' xogħol artistiku u t-tqassim ta' kopji tiegħu lill-pubbliku biex bihom jsir reklam tal-imsemmi xogħol bil-ħsieb li jinbiegħ;

Illi wara li saru dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jifdalx lok li l-Qorti tistħarreġ jekk kemm-il darba l-wiri tas-silta mill-

---

[22] P.A. **29.9.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Ciancio vs Dugo noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.796)**
[23] Affidavit ta' Mario Żammit 28.5.2003, f'paġ. 64, u affidavit ta' Violet Cassar 28.5.2003, f'paġ. 65 tal-proċess
[24] Affidavit ta' Pierre Tanti u Sonia Tanti 28.5.2003, f'paġġ. 66 u 67 tal-proċess
[25] Cornish & Llewelyn *op. cit.*, paġ. 440

*video* tat-tieġ tal-atturi sarx bil-kunsens tagħhom jew le. F'dan ir-rigward, ta' min jgħid madankollu, li l-Qorti jidhrilha li l-verżjoni tal-ġrajjiet kif imressqa mill-atturi mhix nieqsa minn kontradizzjonijiet jew nuqqasijiet serji. Dan joħroġ l-aktar meta wieħed iqabbel ix-xhieda tal-attriċi[26] ma' dik ta' ommha[27]. Jibqa' l-fatt ukoll li, meta l-kumpannija mħarrka talbet lil omm l-attriċi biex tikseb il-kunsens ta' bintha biex juru s-silta mill-*video* waqt il-fiera, omm l-attriċi aċċertathom li bintha kienet tat il-kunsens tagħha, u saħansitra talbet skont mill-prezz miftiehem bħala kundizzjoni li jsir dan[28]. Fi kliem ieħor, saż-żmien meta ntweriet is-silta waqt il-fiera, l-kumpannija mħarrka ma kellha xejn x'juriha li dak li kien qiegħed isir ma kellux ukoll il-barka tal-attriċi;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tieni talba attriċi, għaliex minn dak li sar ma jirriżultax li seħħ xi ksur tal-jeddijiet tal-atturi kif imħarsin bl-artikolu 13(3) tal-Kap 196. Minħabba f'hekk, lanqas sejra tilqa' ż-żewġ talbiet l-oħrajn, li huma konsegwenzjali għat-tieni talba;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li, taħt il-liġi li kienet fis-seħħ meta sar ix-xogħol, l-attriċi għandha d-dritt tal-awtur tal-*video recording* tat-tieġ tagħha mal-attur l-ieħor;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi**, billi, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-wiri ta' silta mill-imsemmi *video* waqt fiera tat-tiġijiet ma kienx jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-awtur tal-attriċi;

**Tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet attriċi** minħabba li huma konsegwenzjali għal u dipendenti mit-tieni talba; u

[26] Xhieda tal-attriċi 22.3.2005, f'paġ. 100 tal-proċess
[27] Xhieda ta' Teresa Castillo 22.3.2005, f'paġ. 104 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Manuel Caruana 13.5.2004, f'paġ. 84 tal-proċess

Tordna li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu kwantu għal tlieta minn erba’ ($^{3}/_{4}$) partijiet jitħallsu mill-atturi u waħda minn erba’ ($^{1}/_{4}$) partijiet mill-kumpannija mħarrka.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------